**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 23 t' April, 2015**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Mario Haber)**

**vs**

**Ali Omar Fahed**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Ali Omar Fahed, ta' 25 sena, Nazzjonalita Iraqina, imwieled Nasiriyah fl-1 ta' Lulju, 1989, iben Ali u Sabrija, bla passaport u dokumenti.

Akkuzat talli fil-21 t' April, 2015 u fil-jiem ta' qabel f' dawn il-Gzejjer meta kellu fil-pussess tieghu Passaport, mahrug minn awtorita' kompetenti,

cioe' Passaport Ingliz, mahrug f isem Ali Abdullah Mohamed Kalaf bin-numru 094558975, ittrasferixxa dan id-dokument lil persuna ohra jew ircieva dokument li gie trasferit lilu minn persuna ohra (Kap 61, Sec 3 tal-Ligijiet ta' Malta)

U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel uzu jew ittanta jaghmel uzu minn Passaport mahrug lil persuna ohra, u cioe' dak diga' imsemmi (Kap 6, Sec 4 tal-Ligijiet ta' Malta).

U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ta prospet falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1c) tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-23 t' April, 2015 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 3 u 4 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 32(1)(c) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija.

**MAGISTRAT**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**